MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 215/2004/1

**Francois Spiteri**

**vs**

**Joseph u Josephine konjugi Cucciardi bhala legittimu rapprezentant ta` ibnu Emmanuel Cucciardi u b'digriet ta` nhar it-3 ta` Novembru, 2005 gie ordnat it-trasfuzjoni ta` l-atti f'isem Emanuel Cucciardi stante li dan ta` l-ahhar ghalaq 18-il sena fit-2 ta` Jannar, 2005**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Settembru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta` Jannar, 2004 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom

jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta` hames mitt lira maltija (Lm500), illum ekwivalenti ghal €1,164.68c jew somma verjuri rapprezentanti valur ta` hsarat kawzati fil-vettura ta` l-attur numru IBG 839 meta l-konvenut saqha u habat biha kif jirrizulta minn Dok A.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti datata 13 ta` Frar, 2004 fejn ikkontestat t-talba attrici abbazi tal-principju *volenti non fit injuria* u ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur li se mai ghandhom jigu ppruvati.

B'riserva ghall-eccezzjonijiet ohra.

Evalwa l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ezamina n-nota ta` osservazzjonijiet ipprezentati mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz jikkoncerna talba ghal hsarat kawzati fil-vettura ta` l-attur meta l-konvenut habat biha waqt li kien qieghed isuq l-istess. Fuq dan il-fattur ma hemmx kontestazzjoni bejn iz-zewg nahat peress illi hareg car li l-konvenut Emanuel Cucciardi li sa dak iz-zmien kien ghad ghandu 16 il-sena fil-fatt saq il-vettura ta` l-attur, li habat biha u li kkawzalha l-hsarat.

Il-konvenut allega li l-attur gieli kien ihallih isuqlu l-vettura tieghu bhal ma kien jippermetti nies ohra u ttenta jgib xi xhieda biex jipprova dan il-fatt. Illi ghalhekk jafferma li l-attur ma jistax issa jfittxu ghad-danni peress illi meta hallieh isuq kien qieghed jaccetta u jidhol ghar-riskju li jgib mieghu tali permess diment li kien jaf li huwa ma kellux licenzja tas-sewqan. Illi ghalhekk huwa punt kardinali f'dan il-kaz li jigi stabbilit jekk fil-fatt giex

ippruvat o meno l-fatt li l-attur ippermetta dak in-nhar lill-konvenut li jsuq il-karozza tieghu bil-konsapevolezza tieghu li sejjer jidhol ghal kull responsabbilita` f'kaz li jinqala` xi haga waqt l-istess sewqan. Illi l-prova o meno ta` dan il-fattur huwa wkoll essenzjali fir-rigward ta` l-eccezzjoni ulterjuri fejn il-konvenut bazikament qed ighid li wiehed ma jistax ifittex ghal danni li jemanu minn att illecitu u / jew illegali cioe` – l-istess haga il-permess li nghata ghal sewqan minn persuna mhux licenzjata, kwindi sewqan illegali.

L-attur jispjega illi dak in-nhar ta` l-incident huwa kien ma` shabu fil-vettura tieghu pero` f'hin minnhom hareg minnha biex jixtri xi haga. Kien f'dan il-mument meta huwa ma kienx prezenti, li l-konvenut qabad u dahal fiha u saqilu. B'hekk huwa qed jafferma li qatt ma tah permess lill-konvenut biex dak in-nhar isuqlu l-vettura. In kontro-ezami jghid li lill-konvenut kien jafu biss ghal xi xahrejn u li meta telaq minn fuq il-post, il-konvenut ma kienx prezenti. Huwa jichad li qatt ma ippermetta lill-konvenut jew lil hbieb ohra taht l-eta` isuqulu l-vettura.

Missier il-konvenut jafferma li kemm ibnu u kif ukoll l-istess attur ikkonfermaw mieghu li l-attur kien ippermetta lill-ibnu jsuq il-vettura tieghu. Pero` dan ix-xhud jista` biss jirrakkonta x'qalulu l-partijiet u mhux x'ra jew x'sema` hu di xjenzja proprja u ghalhekk ir-rilevanza tax-xhieda tieghu hija limitata partikolarment meta tqis ix-xhieda kontrarja ta` l-attur u l-fatt li qatt ma sar konfront bejniethom dwar dan id-diskors li allegatament intqal. Barra minnhekk l-istess Joseph Cucciardi jghid ukoll li l-attur f'mument minnhom anke kien qallu li ibnu Emmanuel kien qabad u saqlu l-vettura minghajr il-permess tieghu.

Il-konvenut Emmanuel Cucciardi jghid li l-attur kien gieli hallieh isuqlu l-vettura tieghu kif dal resto kien ippermetta lil persuni ohra. Sahansitra

jafferma li gieli tahielu erba` darbiet f'gimgha wahda. Dak in-nhar ta` l-incident, il-konevnut jistqarr li l-attur kien ippermettielu jsuq il-vettura tieghu halli jkun jista` jmur id-dar u anzi baghat lil Roderick Zammit mieghu sabiex ikun jista` jsuqha lura. Il-vettura nstaqet mill-konvenut u telqghet minn fuq il-post minn quddiem ghajnejn l-attur.

Frederick Grech xehed li huwa gieli saq il-vettura ta` l-attur pero` lill-konvenut kien hu li kien ihallih isuq din il-vettura u mhux l-attur. Di xjenza proprja Grech ma jafx jekk l-attur qatt halliehx isuqha l-vettura lill-konvenut u *tanto meno* jaf x'gara fid-data ta` l-incident peress li ma kienx prezenti.

Roderick Zammit xehed li meta l-konvenut dahal fil-vettura ta` l-attur, dan ta` l-ahhar ma kienx maghhom ghalkemm kien fl-istess akkwati tal-pjazza. Anzi jghid li fil-mument meta nstaqet il-vettura ma jafx fejn kien l-attur. Dan ix-xhud ighid ukoll li meta huwa saq il-vettura ta` l-attur, darba f'mitt qamar, huwa gia` kellu l-licenzja tas-sewqan.

Illi sabiex it-tezi tal-konvenut tirnexxi huwa kellu jressaq il-prova li dak in-nhar ta` l-incident u mhux f'xi zmien iehor, huwa saq il-vettura ta` l-attur bil-kunsens u konsapevolezza tieghu. Illi huwa naqas minn din il-prova mhux biss il-ghaliex dak li qed jallega huwa kontradett mill-attur izda x-xhud li huwa ressaq biex jikkoroborah fuq dan il-fattur naqas li jikkonferma l-verzjoni tieghu. Ix-xhud Roderick Zammit fil-fatt jinnega li l-attur kien fejnhom meta nstaqet il-vettura u kwindi jinnega wkoll li l-attur kien tah l-inkarigu biex isuqha lura fil-pjazza.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma hux qed jabbraccja l-verzjoni moghtija mill-konvenut u jasal ghal konkluzjoni li dak in-nhar ta` l-incident il-konvenut Emmanuel Cucciardi qabad u saq il-vettura ta` l-attur biex imur dawra biha (jiehu "*joy ride*")

minghajr ma avza lil sidha u kwindi minghajr il-kunsens u permess ta` l-attur.

Illi dwar il-kwantum tad-danni, l-attur ressaq provi soddisfacenti tramite d-dokumenti ezebiti ghalkemm dawn jeccedu s-somma mitluba u kwindi ghalhekk dan it-Tribunal jista` biss jillimita ruhu sa l-ammont effettivament mitlub.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, kwindi jilqa` t-talbiet attrici, jiddikjara lil konvenut Emanuel Cucciardi responsabbli ghall-hsarat kawzati fil-vettura ta` l-attur u konsegwentement ghalhekk jikkundannah ihallas lill-attur s-somma mitluba ta` €1,164.68c (Euro) gia` Lm500, bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut Emanuel Cucciardi.**”**

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza l-konvenut Emanuel Cucciardi jinvita lil din il-Qorti biex tiddisturba l-gudizzju tat-Tribunal in bazi ghal motiv illi l-istess Tribunal mexa b’mod gravi kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u ta’ l-ekwita` skond il-ligi b’mod li ppregudika l-jeddijiet tieghu. B’mod generali l-ilment ta’ l-appellanti jikkonsisti mill-assunt illi t-Tribunal ghamel apprezzament zbilancjat tal-provi, skarta provi attendibbli ohrajn, u, ukoll, skarta l-aspetti legali tal-vertenza;

Il-fatt ewlieni li ta lok ghal kawza kien, skond l-atti, jirrizulta minn incident li fih kien involut l-appellanti meta saq il-karozza proprjeta` ta’ l-attur, habat biha u kkawzalha hsarat. Dakinhar ta’ l-incident l-appellanti kien ghadu minorenni u bla licenza tas-sewqan;

Fil-konfront tat-talba ta’ l-attur ghar-rizarciment tad-danni l-appellanti jressaq b’difiza zewg aggravji legali, ossija

"*volenti non fit injuria*" u "*ex turpi causa non oritur actio*". Minn din il-linja ta' difiza l-kwezit kollu post ghall-attenzjoni tat-Tribunal kien jikkonsisti mit-twegiba ghal mistoqsija jekk dakinhar ta' l-incident l-attur appellat kienx liberament u volontarjament ippermetta lill-appellanti jaghmel uzu mill-karozza billi jsuqha;

Ghat-Tribunal, is-sostenn tal-linja difensjonali ta' l-appellanti kienet tiddependi mill-prova jekk dakinhar ta' l-incident, u mhux ukoll f'xi zmien anterjuri, l-attur kienx ta l-kunsens tieghu li l-karozza tinsaq mill-appellanti. In meritu, it-Tribunal ikkonvinca ruhu, fuq ir-rizultanzi istruttorji, illi kienu jezistu elementi li negattivament jincidu fuq dik il-linja ta' difiza. Huwa dan il-konvinciment u dan il-gudizzju li issa l-appellanti qieghed bl-appell tieghu jikkontrasta;

Fl-ewwel lok l-appellant jaddebita lit-Tribunal b'gudizzju parzjali. Kif mifhuma fil-kuntest ta' l-Artikolu 8 (2) (d) tal-Kapitolu 380, l-"imparzjalita`" tissinjifika illi t-Tribunal kien pregudikat favur l-attur u kontra l-appellanti. Dan fis-sens illi t-Tribunal naqas milli jaghti l-opportunita` shiha lill-appellanti milli jipproduci l-provi tieghu u li jaghmel id-deduzzjonijiet tieghu skond il-procedura. Mill-atti dan ma jirrizultax li hu hekk il-kaz hawnhekk. Jista' forsi jigi objettat illi t-Tribunal ma ghamelx valutazzjoni ampja ta' l-elementi varji tal-provi processwalment akkwiziti jew li dan ma kkonsidrax sewwa l-materja fil-kumpless kollu tal-provi izda mhux ukoll illi t-Tribunal kien parzjali fis-sens tas-succitata disposizzjoni;

L-appellanti jikkontesta wkoll lit-Tribunal illi dan injora jew skarta l-aspetti guridici tal-vertenza. Ta' min ifakkar f'dan il-kuntest illi l-gudizzju ta' l-ekwita`, ghal liema jirreferi l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu imsemmi, ma jikkomprendix analisi guridika stretta tad-definizzjoni tar-responsabilita` b'mod li hu obbligat jokkupa ruhu, u b'mod elaborat, mill-principji legali ventilati quddiemu. Anzi dak il-gudizzju skond l-ekwita` jizvinkolah mill-osservanza rigoruza tal-

principji tad-dritt basta li hu jadopera dik ir-regola ta' gudizzju u l-principji ta' dik il-prudenza li b'riferiment ghal kaz konkret toffri verament soluzzjoni adegwata u ekwitativa tal-kontroversja. Maghdud dan, wisq ragonevolment, l-ekwita` lanqas ma taffida xi diskrezzjonalita` assoluta lill-gudikatur fid-determinazzjoni tal-kaz konkret. Li jfisser illi din il-Qorti jinhtiegilha tezamina jekk mill-perkors logiku-guridiku tad-decizjoni t-Tribunal adottax dik ir-regola ta' gudizzju ghall-aspetti specifici u l-aktar sinjifikattivi tal-fattispeci fil-kumplessita taghhom;

In generali, il-provi juru illi kontra c-cahda assoluta u kategorika ta' l-attur, dan, fi zminijiet differenti, kien ippermetta li l-karozza tieghu tinsaq minn persuni taht l-eta` u mhux munita b'licenzja tas-sewqan. Ara xhieda ta' l-appellant (fol. 47), u dik ta' Frederick Grech (fol. 65) u Roderick Zammit (fol. 78). Naturalment, dan ma jfisserx necessarjament u bilfors illi <u>dakinhar ta' l-incident</u>, u dan hu l-qofol tal-kwestjoni, l-attur kien hekk akkonsentixxa li l-appellanti jsuq il-vettura tieghu. Jekk garax hekk jew le jiddependi ghal kollox mill-valutazzjoni tal-provi u l-aktar, ghas-sostenn tad-difiza, tal-"*volenti non fit injuria*" mill-prova inkombenti fuq l-appellanti illi l-attur "*had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run*" u li "*the circumstances are such to show that in incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person*" (**Charlesworth**, "**Law of Negligence**" pagna 498, kif citat fis-sentenza fl-ismijiet "**Paul Vassallo *et* -vs- Carmelo Pace**", Appell Civili, 5 ta' Marzu, 1986). Skond l-imsemmi awtur iz-zewg aspetti fokali insiti fil-massima jridu jikkoincidu flimkien biex jiddizintitolaw lill-attur milli jirkupra d-danni. Fil-kaz prezenti, anke minn dak ritenut minn Joseph Cucciardi (fol. 21) fuq kliem l-attur huwa difficli li l-Qorti tintravvedi l-kombacjar taz-zewg aspetti ghax anke kieku wiehed kellu jaccetta li l-attur ta l-kunsens tieghu li l-karozza tinsaq mill-appellanti "dan ma kienx ifisser illi seta' jsuqha u jkissirha". Almenu minn dan il-kliem il-Qorti tifhem illi l-attur ma kienx, la espressament u lanqas implicitament,

accetta, ankorke ppermetta lill-appellanti s-sewqan tal-karozza, "*that the loss should fall on him*";

Kwantu ghad-difiza l-ohra "*ex turpo causa non oritur actio*" li, jekk akkolta, ukoll isservi biex tezimi lill-appellanti ghal kollox mill-addebitu tad-danni fil-vettura din il-Qorti tisqarr illi mhix kompletament konvinta illi ngiebet prova inkonfutabbli illi proprju dakinhar ta' l-incident l-appellat kien ta l-kunsens tieghu biex il-karozza tinsaq mill-appellanti. X'kien isir qabel u x'kien jigi permess qabel li jsir mhux bizzejjed, fil-hsieb tal-Qorti, illi dakinhar inghata kunsens bhal dan. Ghallanqas il-provi ma humiex tant skjetti u inekwivoci biex jista' jinghad li, ghal dak li sehh dakinhar, l-appellanti jinsab korroborat fl-assunt tieghu b'din id-difiza, avolja l-kondotta precedenti ta' l-appellat tista', induttivament twassal ghal fehma kuntrarja;

B'danakollu, il-Qorti ma hijiex lanqas perswasa illi, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-fattispeci, ir-regola ta' gudizzju da parti tat-Tribunal giet, skond id-dritt ekwitattiv, adoperata kif imiss u b'mod xieraq u ekwu;

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-proprjetarju ta' vettura ma jehlisx mir-responsabilita` billi sempliciment juri li s-sewqan tal-vettura tieghu mit-terz sar minghajr il-kunsens tieghu ("*invito domini*") imma hu necessarju li jiddemostra wkoll illi dak is-sewqan sar kontra l-volonta tieghu ("*prohibendo domini*"). Dan billi posittivament juri l-ezistenza ta' dik l-imgieba da parti tieghu idoneja biex tikkonvinci illi hu adotta l-mizuri u kawteli kollha necessarji biex jimpedixxi li l-karozza tinsaq. Fil-kaz konkret fuq l-istregwa tal-provi jemergi kjarament illi meta l-appellat halla c-cwievet fl-*ignition* tal-vettura bil-minorenni fiha, u fil-konsapevolezza wkoll illi f'okkazjonijiet ohra din il-karozza gieli nsaqet minn uhud mill-istess minorenni, huwa ma adottax kondotta diligenti u, wisq anqas, prudenti. Fi kliem iehor l-appellat ma pprovax illi kien hemm da parti tieghu, b'att inekwivokabbli, l-opposizzjoni ferma tieghu ghas-sewqan mill-minuri tal-vettura;

Ikollu jinghad li f'kaz bhal dan il-kolpa ta' l-appellat hi ravvizata minn dak tan-nuqqas tieghu li jiehu l-mizuri elementari okkorrenti, akkoppjat man-nuqqas li jipprevedi li l-appellanti, jew xi hadd iehor minn shabu, jsuqu l-vettura, kif gieli ghamlu fil-passat bil-benedizzjoni tieghu. Il-gudizzju fuq din il-prevvedibilita` jew in-nuqqas taghha kellu jigi sew imkejjel mit-Tribunal in bazi ghall-kriterju solitu ta' l-ordinarja diligenza tal-*bonus paterfamilias* rapportat ghas-sitwazzjoni konkreta tal-fatti maghrufa;

Wisq naturalment dan ma jfisserx lanqas illi l-appellanti hu ezenti minn kull responsabilita` ghaliex jibqa' l-principju illi ghad-danni skaturati mill-incident *ut sic* jirrispondi direttament is-sewwieq li jkun ta lok ghalihom. Hemm, pero`, ukoll, ghall-konsiderazzjonijiet maghmula, il-konkors kolpuz ta' l-appellat, sid il-vettura. Qaghda bhal din kienet diga` giet ezaminata mill-Qorti Civili, Prim' Awla, fis-sentenza "**Mario Galea -vs- Joseph Attard**" tas-26 ta' Mejju, 2004, konfermata in sede Appell fis-26 ta' Jannar, 2007. Kif taraha din il-Qorti dan il-konkors ghandu almenu jissarraf fl-istess proporzjoni ugwali ghal min, bhall-appellanti, ikkaguna materjalment id-dannu. Huwa f'dan is-sens li l-Qorti thoss li l-gudizzju ekwitattiv kellu jkun adoperat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tvarja s-sentenza appellata billi in bazi ghall-osservazzjonijiet superjorment maghmula ssib lill-konvenut appellant responsabbli ghan-nofs tas-somma reklamata. Konsegwentement, tikkundanna lill-istess appellant ihallas in linea ta' danni lill-attur is-somma ta' hames mija tnejn u tmenin euro erbgha u tletin centezmu (€582.34), bl-imghax dekorribbli mid-data tas-sentenza tat-Tribunal. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jigu sopportati fi kwoti ndaqs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------